**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 18**

**It-Tnejn, 16 ta' Marzu 2026**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fis-2.33 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali u l-Akkomodazzjoni, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Joe Giglio u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa 17 tat-12 ta' Jannar 2026 kienu approvati.

**DOKUMENTI**

Għall-fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien għadda lill-Membri:

Dok. 49 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/061 dwar ilment dwar *allegazzjoni ta' Trattament preferenzjali li għaqdiet volontarji partikolarifir-rilaxx ta' impjegati pubbliċi biex iservu magħhom,* datat 16 ta' Frar 2026; u

**ITTRA MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA DWAR IL-PUBBLIKAZZJONI TA' DEĊIŻJONIJIET LI LMENTI M'GĦANDHOMX JIĠU INVESTIGATI**

L-Ispeaker irrefera għall-ittra mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika datata 21 ta' Jannar 2026 fejn fiha l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika qiegħed jissuġerixxi li tkun riveduta deċiżjoni ta' dan il-Kumitat sabiex ikun jista' jippubblika deċiżjonijiet li ma jwasslux għal investigazzjoni meta l-allegazzjonijiet ikunu diġà fid-dominju pubbliku.

Dok. 50 Ittra mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika datata 21 ta' Jannar 2026 dwar pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li ma jwasslux għal investigazzjoni

Huwa rrefera wkoll għal dak li kien iddeċieda l-Kumitat fil-Laqgħa Nru 3 tat-3 ta' April 2019 meta kien qed jiddiskuti x'rapporti għandu jippubblika l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u f'liema stadju għandhom jiġu ppubblikati. Dwar deċiżjonijiet li ma jwasslux għal investigazzjoni, il-Kumitat dakinhar kien iddeċieda illi l-Kummissarju m'għandux jippubblika r-rapporti tiegħu.

Wara diskussjoni, il-Kumitat qabel b'mod unanimu illi ma hemmx lok li tkun riveduta d-deċiżjoni tal-2019.

## KORRISPONDENZA LILL-PRESIDENT TAL-KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA

L-Ispeaker informa lill-Kumitat dwar ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, fejn fiha kien qiegħed jitlob lill-Kumitat sabiex skont Artiklu 3(4) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570) jiddiskuti r-rakkomandazzjonijiet tal-Gvern sabiex ikun jista' jiġi msaħħaħ u mtejjeb il-Kodiċi.

Dok. 51 Ittra mingħand il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni lill-Ispeaker dwar tisħiħ u titjib tal-kodiċi annessi mal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qassam il-proposti tal-Gvern għar-reviżjoni tal-Kodiċi.

Dok. 52 Proposti ta' Gvern għar-reviżjoni tal-Kodiċi skont Artiklu 3(4) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570)

Il-Ministru ta spjega tal-emendi li kienu qegħdin jiġu proposti mill-Gvern, liema proposti kienu diġà diskussi fil-grupp parlamentari tal-Gvern.

Wara diskussjoni, il-Kumitat qabel li għandu jingħata ż-żmien lin-naħa tal-Oppożizzjoni sabiex tikkunsidra l-proposti.

Fit-3.09 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu 2026 fis-2.00 p.m.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**